IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.3.2020
COM(2020) 108 final

ANNEXES 1 to 2

ANNESSI

tal-proposta tad-

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-adozzjoni tal-programm supplimentari ta' riċerka tar-reattur ta' fluss għoli f'Pettern għall-2020-2023 li għandu jiġi implimentat miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka għall-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika

ANNESS I

GĦANIJIET XJENTIFIĊI U TEKNIĊI

L-għanijiet prinċipali tal-programm huma dawn li ġejjin:

(1) li jiġi żgurat it-tħaddim sikur u affidabbli tal-HFR sabiex tkun żgurata d-disponibbiltà tal-fluss tan-newtroni għal għanijiet sperimentali;

(2) li jkun possibbli użu effiċjenti tal-HFR mill-istituti tar-riċerka f'firxa wiesgħa ta' oqsma: it-titjib tas-sikurezza tar-reatturi nukleari, is-saħħa (inkluż l-iżvilupp ta' isotopi mediċi), il-fużjoni nukleari, ir-riċerka fundamentali u t-taħriġ u l-immaniġġjar tal-iskart inkluż il-possibbiltà li jiġu studjati l-kwistjonijiet rigward is-sikurezza tal-fjuwils nukleari għas-sistemi tar-reatturi li huma ta' interess għall-Ewropa.

ANNESS II

TQASSIM TAL-KONTRIBUZZJONIJIET

Il-kontribuzzjonijiet għall-programm għandhom jiġu min-Netherlands u minn Franza.

Dawn il-kontribuzzjonijiet huma mqassma kif ġej:

In-Netherlands: EUR 26 654 000;

Franza: EUR 1 200 000;

Total: EUR 27 854 000;

Dawk il-kontribuzzjonijiet għandhom isiru lill-baġit ġenerali tal-Unjoni u għandhom jiġu assenjati għal dan il-programm. Parti mill-kontribuzzjonijiet taħt dan il-programm supplimentari attwali jistgħu jkopru wkoll in-nefqa li saret fir-rigward tat-tħaddim tal-HFR matul is-sena 2020 f'konformità mal-programm ta' ħidma li ser jiġi maqbul fost il-pajjiżi li qegħdin jikkontribwixxu u l-Kummissjoni.

Il-kontributi huma fissi u ma jistgħux jiġu riveduti fir-rigward tal-varjazzjonijiet marbuta mal-ispejjeż ta' tħaddim, manutenzjoni u dekummisjonar.